MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2303/2003

**Pater Finance Co. Ltd**

**vs**

**John Agius**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Novembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800.00) rapprezentanti import ta' tmien kambjali, kollha ta' (Lm100.00) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn April, 2003, sa Novembru 2003 rispettivament u mhux imhallsa, hawn annessi bhali dokumenti numri minn I sa 8 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjali li sas-16 ta’ Novembru 2003 jammontaw ghal Lm26 oltre l-imnghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, kontra l-koonvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta’ attrici fl-20 ta’ Frar 2004 fejn l-ammont mitlub gie ridott ghas-somma ta’ hames mija u tnejn u tletin lira Maltin (Lm532.00), bl-imghax pagabbli mis-17 ta’ Frar 2004

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u tnejn u tletin lira Maltin (Lm532.00), bl-imghax kif mitlub. .

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------